# Patri Ġerardu M. Paris OP, traduttur tal-Erba' Evanġelji, l-Atti tal-Appostli u testi reliġjużi

Jikteb Ivan Said

**Fil-parroċċi ta' Malta u Għawdex, Patri Ġerardu Marija Paris OP kien magħruf l-aktar għall-ġlieda bla heda tiegħu kontra l-vizzju tad-dagħa permezz tax-Xirka tal-Isem Imqaddes t'Alla li waqqaf hu stess u li kienet mifruxa mad-djoċesi kollha. Iżda dan id-Dumnikan li f'żgħożitu telaq l-istudji tiegħu ta' perit biex isir qassis propju biex jaħdem "għal Ġesù u l-Knisja tiegħu" (Vella, 1972: 242), fil-ħidma pastorali tiegħu kien juża modi u mezzi oħra wkoll biex jilħaq il-poplu t'Alla, fosthom il-pubblikazzjoni ta' ħafna ġurnali u rivisti u t-traduzzjoni għall-Malti ta' testi Bibliċi u reliġjużi.**

### Akkademiku u bniedem tal-kotra

Patri Paris (Bormla, 15 ta' Lulju 1893 – Ħ'Attard, 10 ta' Lulju 1973) studja fil-Kulleġġ ta' San Tumas, ir-Rabat, u l-Angelicum, Ruma (Fsadni, 2003: 193), il-belt fejn ġie ordnat saċerdot f'Marzu tal-1922[1] mill-Kardinal Dumnikan Tommaso Boggiani (Vella, 1972: 242). Wara li sar saċerdot kiseb il-Lettorat fit-Teoloġija u ftit wara beda jgħallem f'Viterbo, l-Italja, u wara li wasal Malta, fil-Kulleġġ ta' San Tumas, ir-Rabat. Bejn l-1933 u l-1934 kien Reġġent tal-Istudji fil-Kunvent tad-Dumnikani r-Rabat u fl-1947 laħaq Majjistru tat-Teoloġija. Fl-1953, il-Papa Piju XII tah il-midalja *Pro Ecclesia et Pontifice* (Fsadni, 2003: 193, 194).



Patri Paris fl-ewwel snin tas-saċerdozju tiegħu

Dan kien "il-bniedem ta' inizjattiva mhux komuni" li "għaraf jgħaqqad it-tagħlim minn fuq il-katedra mal-appostolat fost il-kotra, hekk ukoll għaraf ixerred it-tagħlim tal-verità b'kitba xjentifika u b'kitba popolari" (Fsadni, 2003: 194). Dan jixhdu l-għadd ta' għaqdiet reliġjużi tal-lajċi li waqqaf, xpruna jew mexxa, flimkien mal-ġurnali u rivisti abbinati ma' dawn l-għaqdiet.

Isem Paris kien sinonimu max-Xirka tal-Isem Imqaddes t'Alla li waqqaf hu stess fl-1928. Imma qabel ma ordna saċerdot, hu kien diġà waqqaf il-*Foedus*, għaqda reliġjuża ta' xejra soċjali (Fsadni, 2003: 194). Saħansitra meta kien għadu żagħżugħ, flimkien ma' Dr Carmelo Mifsud Bonnici, il-Gross, u Dr Valenzia, waqqaf f'Bormla, fejn trabba, il-*Young Naturalist League*, club dwar l-istudju tan-natura (Vella, 1972: 241). Għaqdiet oħra li waqqaf Paris kienu: *The Maltese Catholic Alliance for the Conversion of England* fl-1934 u *St Paul Apologetic Circle* fl-1948. Fl-1928 reġa' ta l-ħajja l-*Catholic Social Guild*, għaqda oriġinarjament imwaqqfa f'Malta minn Fr Charles Dominic Plater. Kull għaqda li waqqaf Paris kellha "għan definit u distint" (Frendo, 1972: 246).

Bħala organu tax-Xirka tal-Isem Imqaddes t'Alla, fl-1928 Paris waqqaf r-rivista *Militia Christi* li damet toħroġ sal-1970 meta ngħaqdet mar-rivista *Ir-Rużarju* biex saret ir-rivista *Riflessi*. L-iskop prinċipali tal-*Militia Christi* kien li "jikkumbatti d-dagħa u l-ħażen morali, permezz ta' tagħlim tajjeb u serju" u "jiddefendi r-Reliġjon Imqaddsa ta' din il-gżira, kontra l-propoganda li kienu qegħdin jagħmlu l-għedewwa tal-Fidi, speċjalment il-Mażuni u l-Protestanti" (Frendo, 1972: 247). Il-kitba fil-*Militia Christi* "kienet kitba li setgħet tinqara mill-poplu, jew kif kienu jsibuh, il-popolin, iġifieri dik il-klassi aktarx fqira u bla skola li żgur ma kenitx tifhem bit-Taljan jew bl-Ingliż" (Frendo, 1972: 246-247). Fl-1935, Paris waqqaf ir-rivista xjentifika *Scientia – A Quarterly Scientific Review*, filwaqt li bħala organu tas-*St Paul Apologetic Circle*, fl-1950 Paris waqqaf *The Faith*, rivista ta' natura akkademika "kkonċentrata speċjalment fuq problemi topiċi ta' twemmin u fidi ġenerali u internazzjonali" (Frendo, 1972: 246).




Skont Frendo, Paris "irrealizza kemm in-neċessità għall-komunikazzjoni spissa u aġġornata kienet neċessarja fil-kuntest ta' bidla mgħaġġla u radikali li minnha kienet għaddejja d-dinja

1 Vella jgħid li ordna saċerdot fl-4 ta' Marzu 1922(1972: 242) filwaqt li Fsadni jgħid li ordna fil-11 ta' Marzu 1922 (2003: 193).



Patri Paris jindirizza Kungress tax-Xirka

fil-bidu [tas-seklu 20]" u fl-istess ħin hu kien "eżempju ħaj ta' kif it-tagħlim u l-ispeċjalizzazzjoni fl-istudji xjentifiċi, bħalma huma l-fiżika u l-matematika, m'għandhiex tbiegħed lill-bniedem minn Alla, mir-reliġjon u mill-ispiritwalità" (1972: 246). Dan il-ġurnalista ta' Kristu, sabiex jilħaq l-iskopijiet tiegħu ta' propoganda Kattolika, saħansitra waqqaf stamperija żgħira bl-isem ta' *Holy Name Press* fl-1929 (Farrugia, 2007: 243).

**Internament produttiv**

Taħt id-dell qalil tat-Tieni Gwerra Dinjija, f'Settembru 1940 Paris ġie internat fil-kunvent tad-Dumnikani, ir-Rabat, iżda ma ġiex iddeportat lejn l-Uganda bħall-bqija tal-internati Maltin. Id-deportazzjoni ħelisha wara li l-Provinċjal tad-Dumnikani Maltin ta' dak iż-żmien, Patri Dovik Nolan OP, Irlandiż,[2] daħal fi ftehim mal-Gvernatur Sir William Dobbie (Madras, l-Indja, 12 ta' Lulju 1879 – Kensington, Londra, 3 ta' Ottubru 1964)[3] u l-Isqof Mauro Caruana (Il-Furjana, 16 ta' Novembru 1867 – San Ġiljan, 17 ta' Diċembru 1943),[4] u refa' "r-resposabbiltà kollha ta' kull għemil Paris personalment" (Farrugia, 2007: 243). Iżda peress li "il-ħajja privata ta' dan il-patri ħabrieki kienet metodika għall-aħħar b'mod li twarrab għalkollox kull telf ta' ħin" (Fsadni, 2003: 194) Paris uża sew iż-żmien tiegħu ta' internament u kien produttiv għall-aħħar. Dan jixhdu l-għadd ta' pubblikazzjonijiet li ħareġ bejn l-1944 u l-1949 li wera "biċ-ċar li Patri Paris qatta' ħafna mill-ħin tiegħu matul il-gwerra jikteb il-kotba. B'kollox f'dan il-perjodu ħareġ aktar minn għaxar volumi" (Farrugia, 2007: 243). Fost il-kotba li ppubblika f'dan il-perjodu ta' wara l-gwerra nisbu *Motivi jew Raġunijiet li għalihom għandna nħobbu 'l Alla* u *Il-Gradi tal-Perfezzjoni Nisranija*, it-tnejn maħruġin fl-1944. Bejn l-1944 u l-1946 ħareġ *Il-Vera Knisja ta' Kristu* f'ħames volumi (Fsadni, 2003: 196). Ħareġ ukoll xi traduzzjonijiet. Lanqas laħqet spiċċat il-gwerra li Paris ma bediex bil-ħidma pastorali tiegħu bħala Direttur tax-Xirka f'Malta u u Għawdex. Fl-1945 reġa' laqqa' l-Kungress Djoċesan tal-Isem Imqaddes t'Alla f'Ħal Luqa, sinjal ċar li kien spiċċa l-internament tiegħu (Farrugia, 2007: 243).

**Kotba mit-Testment il-Ġdid bil-Malti**

Bejn l-1939 u l-1950 Paris qaleb għall-Malti mill-*vulgata*[5] l-Erba' Evanġelji u ħariġhom separatament bħala kotba żgħir. L-għamla tal-ktejjeb, pocket size, jenfasizza l-iskop pastorali: il-Evanġelju f'idejn il-poplu. Dawn l- Evanġelji










2 Twieled l-Irlanda, South Cappa Foynes, Co. Limerick, fit-28 ta' Mejju 1878 – informazzjoni mhix ippubblikata li tani Patri Alan Adami OP. Fl-1939 Nolan inħatar Provinċjal tad-Dumnikani Maltin direttament mill-Ġeneral Dumnikan P. Martin S. Gillet OP wara li ma rrikonoxxiex il-Provinċjal Malti, Patri Alfons Spiteri OP li kien ġie elett fil-kaptilu provinċjali li sar f'Mejju tal-istess sena u wara li neħħa lill-Majjistru P. Innoċenz Apap li kien intgħażel Provinċjal wara Spiteri. Din l-impożizzjoni mill-Ġeneral fuq il-Provinċja Maltija saret minħabba xi diżgwid li kien hemm bejn il-patrijiet Maltin. Nolan miet b'attakk f'qalbu fil-Kunvent tad-Dumnikani r-Rabat fit-23 ta' April 1944, fl-ewwel sena tat-tieni mandat tiegħu bħala Proviinċjal tad-Dumnikani Maltin (Fsadni, 1977: 31, 215).

3 Gvernatur ta' Malta bejn April 1940 u Mejju 1942. Sors: Wikipedia.

4 Isqof ta' Malta bejn l-1915 u l-1943. Sors: Wikipedia.

5 Din hi l-verżjoni uffiċjali tat-traduzzjoni mil-Latin tal-Bibbja tal-Knisja Kattolika: il-*versio vulgata*, li tfisser "it-traduzzjoni l-aktar użata", uffiċjalment ipproklamata bħala l-verżjoni Latina definittiva tal-Bibbja tal-Knisja Kattolika fis-seklu Sittax. Fil-verità din hi t-traduzzjoni tal-Bibbja tas-seklu Erba' li nattribwixxu lil San Ġlormu.

bil-Malti ġew fi żmien xieraq meta kien hemm vojt u għatx għall-kelma t'Alla fi żmien meta ħafna mill-Kattoliċi Maltin ma setgħux jaqraw bit-Taljan jew bl-Ingliż. "Dawn it-traduzzjonijiet," jikteb Mons Karm Sant, "barra dik ta' Saydon, kienu kollha maħduma fuq il-verżjoni Latina bi stil mexxej u popolari; xterdu ħafna fi-idejn u servew biex imlew vojt li kien ilu jinħass. Kellhom ukoll l-inkoraġġament tal-awtorita tal-Knisja" (1985: 22).[6]

Dawn l-istess erba' Evanġelji separati u żgħar Paris reġa' ħariġhom f'edizzjoni waħda fl-1963 (u fl-1968) imma b'tipa akbar. L-iskop primarju tal-pubblikazzjoni ta' dawn it-traduzzjonijiet kien pastorali u dan jistqarru t-traduttur stess mingħajr tlaqliq: "L-ewwel edizzjonijiet inxterdu bl-eluf, u nittamaw li din l-edizzjoni timxi wkoll u tidħol fil-familji kollha ta' Malta u Għawdex, u li tasal ukoll fil-familji Maltin u Għawdxin tal-Awstralja, il-Kanada u pajjiżi oħra." (1963: 3).

Fl-1965 Paris ħareġ ukoll il-qlib għall-Malti ta' *L-Atti tal-Appostli* u fl-1967 ħareġ il-qlib ta' *L-Ittri ta' San Ġwann Evanġelista* u *L-Ittra ta' San Pawl lill-Insara ta' Ruma* filwaqt fl-1969 ħareġ bil-Malti *L-Ittra ta' San Ġakbu*. Il-ħerqa pastorali ta' Paris li jgħallem il-poplu t'Alla tidher fl-intoduzzjonijiet studjati li kiteb għal kull ktieb u n-noti ta' qiegħ il-paġna b'tagħlim Bibliku, kollha miktubin bi still ħafif li jinftiehm mill-poplu in ġenerali. Dawn il-kitbiet studjati juru l-għarfien profond teoloġiku u bibliku li Paris kellu.













Il-Biblista ta' żmienna, ir-Rev. Professur Paul Sciberras, jemmen li "Paris must have probably translated the Letter of James so as to serve – especially its second chapter – as a tool against those who, in Protestant Churches, held that salvation is acquired only by faith in Jesus Christ" (2018: 56). Dan id-diskors jagħmel ħafna sens meta wieħed iqis li kien Paris li waqqaf r-rivista *Militia Christi*, l-organu tax-Xirka, biex *inter alia* jikkumbatti "l-għedewwa tal-Fidi, speċjalment il-Mażuni u l-Protestanti" (Frendo, 1972: 247), li kien hu li fl-1934 waqqaf *The Maltese Catholic Alliance for the Conversion of England* (Fsadni, 2003: 194) u li kien hu li fl-1946 ħareġ *Il-Vera Knisja ta' Kristu* u fl-1958 *De Vera Ecclesia Christi* (Fsadni, 2003: 196).




Jingħad li ġew stampati mas-60 elf kopja minn dawn il-Evanġelji (Schiavone 2009: 1274). Filwaqt li l-ewwel Erba' Evanġelji li ppubblika separatament bejn l-1939 u l-1950 ġew stampati f'Palermo, il-Kotba kollha l-oħra mit-Testment il-Ġdid li ppubblika bejn l-1963 u l-1969 stampahom Malta, għand Giovanni Muscat.

**Kronoloġija tat-traduzzjonijiet ta' Patri Ġerardu Marija Paris OP**

| | |
|---|---|
| 1930 | *Rerum Novarum – Fuk il condizionijiet tan-nies tax-xogħol* |
| 1939 | *Il-Vanġelu ta' San Ġwann* |
| 1945 | *Elena: Bint l-Imperatur Kostantinu XII jew Il-Waqgħa ta' Kostantinopli, rumanz storiku u reliġjus* |
| 1948 | *Il-Vanġelu ta' San Mattew* |
| 1949 | *Il-Vanġelu ta' San Mark* |
| 1950 | *Il-Vanġelu ta' San Luqa* |
| 1963 | *L-Erba' Vanġeli ta' Sidna Ġesù Kristu* |
| 1965 | *L-Atti tal-Appostli* |
| 1967 | *L-Ittra ta' San Pawl lill-Insara ta' Ruma* |
| 1967 | *L-Ittri ta' San Ġwann* |
| 1969 | *L-Ittra ta' San Ġakbu* |



6 Hawn Mons. Sant ma kienx qed jirreferi biss għat-traduzzjonijiet ta' Paris imma għal traduzzjonijiet oħra wkoll bħat-traduzzjonijiet ta' Dun Pietru Pawl Grima u s-Sur Fons Maria Galea u oħrajn.



89

**Il-kwalità tat-traduzzjoni**

Paris qaleb dawn il-Kotba Mqaddsa mill-*vulgata* bl-għajnuna ta' traduzzjonijiet oħra Kattoliċi ta' Mons. Antonio Martini, Mons. Ronald Knox, M. L'Abbé Augustin Crampon u oħrajn. Il-fatt li Paris qaleb mill-verżjoni Latina u mhux mill-ilsien oriġinali jnaqqas xi ftit jew wisq mill-valur tat-traduzzjoni tiegħu. Kien ikun aħjar li kieku Paris għamel il-qlib mill-oriġinal iżda bl-ebda mod ma jfisser mill-ewwel li minħabba f'hekk it-traduzzjoni tiegħu mhix tajba. Eżempju klassiku ta' traduzzjoni Biblika tajba li nqalbet mil-Latin u mhux mill-oriġinal hi dik ta' Mikiel Anton Vassalli, *L-Erba' Vanġeli u l-Atti tal-Appostli*,[7] traduzzjoni li "baqgħet fondamentali fl-istorja tat-traduzzjoni Maltija tal-Vanġeli u l-Atti" (Sant, 1993: 62).

Għal skopijiet reliġjużi u pastorali t-traduzzjoni ta' Paris tqieset tajba anke jekk kienet "mingħajr pretensjonijiet letterarji u eseġetiċi" (Sant, 1988: 397). Li kieku ma tqisitx tajba għal idejn il-Kattoliċi Maltin, ma kinitx tirċievi l-approvazzjoni ekkleżjastika: it-traduzzjoni ta' Paris mhux biss kellha l-approvazzjoni tas-superjuri reliġjużi tiegħu, fosthom tal-Professur Serafin Zarb OP (Valletta, 31 ta' Awwissu 1899 – Tal-Pietà, 7 ta' marzu 1976), li barra li kien Professur tat-Teoloġija Dommatika fl-Università ta' Malta, għallem l-skrittura Maqaddsa u l-Ilsna Semitiċi fil-Kulleġġ Angelicum, Ruma, u kien Duttur fl-Iskrittura (Fsadni, 2003: 198), imma kisbet ukoll l-*imprimatur* tal-Kurja Ariveskovili bil-firma tal-Isqof Emmanuel Galea.


APPROVAZZJONI EKKLESJASTIKA
GĦALL-PUBLIKAZZJONI TA' DAN IL-KTIEB

**Approvazzjoni tal-Ordni:**

Imprimi potest
Fr. S. M. Zarb, O.P., Provincialis
Datum Vallettae
die 31 Augusti 1963

**Approvazzjoni tal-Kurja Arċiveskovili ta' Malta:**

REIMPRIMATUR
† Emm. Galea Ep. Trallian. in Asia
*Vic. Gen.*
Datum in Curia Archiepiscopali Melitensi,
die 4 Septembris 1963.

Barra minn hekk, ix-xogħol ta' Paris kien igawdi rispett anke minn tradutturi oħrajn: Meta *Il-Għaqda ta' Qari Tajjeb*, li wieħed mit-tradutturi tagħha kien Ġużeppi Lupi,[8] dak iż-żmien seminarista, wara li fl-1936 ippubblikat il-Vanġelu bil-Malti ta' San Mark, waqqfet ħesrem il-pubblikazzjoni tal-Evanġelji l-oħra "biex ma jfixklux iċ-ċirkolazzjoni tal-Vanġeli ta' Patri Paris; [it-tradutturi ta' *Il-Għaqda ta' Qari Tajjeb*] kellhom [l-Evanġelju ta'] San Mattew diġa kompost." (Sant, 1985: 22).

Iżda mhux kulħadd għoġbu xogħol Paris: Mons. Professur Pietru Pawl Saydon (Żurrieq, 24 ta' Lulju 1895 – Żurrieq, 22 ta' Marzu 1971), li t-taduzzjoni tiegħu tal-Bibbja mill-ilsna oriġinali għandha bosta merti letterarji għoljin ħafna imma qatt ma setgħet tintuża fil-liturġija minħabba l-lessiku semitiku tqil u arkajku li uża,[9] jgħid li t-traduzzjoni ta' Paris – skont hu, "a distinguished theologian" – m'għandha l-ebda merti letterarji u jikkritikah għall-Italjaniżmi li juża u jżid: "The language is the colloquial Maltese used in towns; many Italianisms could be easily avoided and the translation would have gained in literary value, without losing anything of its merit as a translation. So he writes *saċerdot* for *qassis*, *inferjuri* for *anqas*, *irrisponda* for wieġeb, *issegwini* for *tiġi warajja*, *irritonaw* for *reġgħu lura*, *Oliveto* for *Żebbuġ*, *moltiplikazzjoni* for *taktir*, etc. No writer aiming at a composition of any literary value can afford to use such language." (1957: 14). Donnu d-domanda popolari għat-traduzzjonijiet ta' Paris, lil Saydon ma tantx kienet togħġbu għaliex ftit tas-snin wara kiteb: "Popularity in its lowest degree is the standard of the translation of the Gospels by Fr. Paris OP" u reġa' kkritikah għall-użu tiegħu ta' kliem li ġej mit-Taljan. (Saydon, 1964: 12).

Ir-Rev. Professur Sciberras, bl-awtorità tiegħu stess bħala studjuż tax-xogħol ta' Saydon, jgħid li din il-kritika ta' Saydon għax-xogħol ta' Paris mhix ġusta meta wieħed iqis li Saydon, wara li ppubblika l-Bibbja kollha f'kotba separati, bi tħejjija fis-snin sittin għal edizzjoni oħra sħiħa, hu stess biddel xi kliem semitiku fit-traduzzjoni tiegħu ma' kliem mit-Taljan, kemm fit-Testment il-Qadim kif ukoll fit-Testment il-Ġdid.[10] "Jiena personalment nagħti valutazzjoni pożittiva lit-traduzzjoni ta' Paris," kitibli l-Professur Sciberras, "Niżlet tajjeb mal-poplu. Hija traduzzjoni mexxejja. Naturalment tibqa' traduzzjoni ta' traduzzjoni ... inħoss li t-traduzzjoni ta' Paris laħqet l-iskop tagħha li mliet lakuna fit-traduzzjonijiet tal-Bibbja bil-Malti."[11]

**Traduzzjonijiet oħra reliġjużi**

Fl-1930 Paris ħareġ bil-Malti traduzzjoni tal-Enċiklika *Rerum Novarum – Fuk il condizionijiet tan-nies tax-xogħol* tal-Papa Iljun XIII. Din it-traduzzjoni, "magħmula direttament mill-oriġinal u bl-għajnuna ta' traduzzjonijiet oħra uffiċjali, kif inhuma l-Ingliża tal-Catholic Social Guild u dik taċ-Ċiviltà Kattolika" (p. 3), turi biċ-ċar il-qalb soċjali u reliġjuża ta' Paris u l-ħerqa tiegħu li jwassal it-tagħlim soċjali tal-Knisja Kattolika lill-poplu in ġenerali fi kliem li

7 L-isem sħiħ hu *Quator Evangelia et Actus Apostolorum juxta Vulgatam Romæ,* ippublikat f'Londra miċ-Church Missionary Society fl-1829. Għal aktar tagħrif dwar din it-traduzzjoni ara *Mikiel Anton Vassalli - It-Traduttur* ta' Ivan Said (Horizons, 2019).

8 Dan hu Mons. Ġużeppi Lupi (1914-2000), dak li snin wara kien wieħed mit-tradutturi uffiċjali tal-Knisja Kattolika f'Malta: kien hu li qaleb mil-Latin għall-Malti ħafna mill-Enċikliċi ppubblikati mill-Knisja matul is-snin. Kien hu li fis-snin sittin, fl-isfond tal-Konċilju Vatikan II, kien avviċina f'isem il-Kummissjoni Liturġika Djoċesana, lill-Biblista Mons. Pietru Pawl Saydon biex jipperswadih ibiddel xi ftit mil-lessiku semitiku sabiex it-traduzzjoni tiegħu tkun eħfef u faċli biex tintuża fil-liturġija. Għall-ewwel Saydon qabel iżda wara qomos. Eventwalment il-Kummissjoni Liturġika ħarġet il-verżjoni Biblika tagħha (Sciberras, 2013: 80-81).

9 Tant kien tqil u arkjaku ċertu kliem li Saydon stess ħass il-ħtieġa li joħroġ il-ktejjeb *Tifsir il kliem fil-kotba tal-Ġenesi, l-Eżodu, il-Levitiku, in-Numri u d-Dewteronomju* (Malta, The Empire Press, 1931).

10 Dawn il-kummenti tal-Professur Sciberras qed nippubblikahom bil-permess li tani hu stess f'komunikazzjoni privata bl-email datata 21 ta' Novembru 2022. Fix-xogħol tiegħu tal-2013 Sciberras jagħti lista ta' kliem Semitiku li Saydon biddlu ma' kliem mit-Taljan, ara Sciberras, 2013: pp. 80-81.

11 L-istess komunikazzjoni privata bl-email datata 21 ta' Novembru 2022.







faċilment jinftiehem. Fl-1945, Paris ippubblika t-traduzzjoni *Elena, bint l-Imperatur Kostantinu XII jew Il-Waqgħa ta' Kostantinopli – Rumanz storiku u reliġjus*.

**Konklużjoni**

Paris kien magħruf bħala saċerdot ħabrieki b'ħidma pastorali sfiqa b'risq il-ġid spriritwali u reliġjuż tal-poplu u l-Knisja ta' Kristu iżda l-iskop ta' dan l-artiklu kien li jitfa' dawl fuq ix-xogħlijiet tat-traduzzjoni tiegħu li uża tant tajjeb bħala għodda pastorali fid-djoċesi ta' Malta.

*Kelma ta' ħajr lil Patri Pawl Gatt OP, Patri Alan Adami OP u lir-Rev. Professur Paul Sciberras tal-għajnuna siewja li tawni.*

**Biblijografija**

Farrugia, Max, 2007. L-internament u l-eżilju - Matul l-aħħar gwerra. Pietà: Pubblikazzjonijiet Indipendenza.

Frendo, Henry. Lulju 1972. Padre Gerard M. Paris bħala ġurnalista. Malta: Riflessi – "Militia Christi" u "Ir-Rużarju", Vol. 1, Nru 21, pp. 246-247.

Fsadni OP, Mikiel, 2003. Dumnikani Maltin magħrufa 1450-2003 – Tifkiriet Bijo-bibjografiċi. Malta: Pubblikazzjoni Dumnikana.

Fsadni, Mikiel, 1977. Id-Dumnikani Maltin Fi Żmien il-Gwerra 1939-1945. 1st ed. Malta: Klabb Kotba Maltin.

*L-Erba' Vanġeli ta' Sidna Ġesùù Kristu – Miġjubin għall-Malti minn Patri Majj. G. M. Paris O.P.* Malta: 1963.

*Rerum Novarum – Fuk il condizionijiet tan-nies tax-xogħol – Ittra Enciklica tal 15 ta' Mejju 1891. Malta – 1930.*

Sant, Karm, 1988. History of the Bible in Maltese 1822-1984. Malta Yearbook – 1988. De La Salle Brothers Publications, pp. 394-399.

Sant, Karm, 1993. Studjuż u traduttur. Journal of Maltese Studies - Essays on Mikiel Anton Vassalli. Malta: Id-Dipartiment tal-Malti, il-Fakultà tal-Arti, l-Università ta' Malta, 58-62.

Sant, Mons. Karm, 1985. Storja tal-Bibbja bil-Malti – 1822-1984. Il-Malti. Malta: L-Akkademja tal-Malti, 61, (1-2), pp. 20-27.

Saydon, P. P., 1957. History of the Maltese Bible. Malta: Melita Theologica, The Royal University Students Theological Association, 10(1), pp. 1-15.

Saydon, Pietru Pawl, 1964. The Maltese translation of the Bible. Malta: Melita Theologica, The Royal University Students Theological Association, 16(1-2), pp. 1-22.

Schiavone, Michael J., Dictionary of Maltese Biographies. Vol. 1 & 2. Pietà: Pubblikazzjonijiet Indipendenza, 2009.

Sciberras, Paul, 2013. Mgr Prof. P.P. Saydon's Version of 1 Thessalonians: An Exegetical and Translation-Critical Analysis (Extract from Doctoral Thesis). University of Malta, PhD Dissertation.

Sciberras, Paul, 2018. The Tradition of Religious Translations in Malta. Malta: Journal of the Faculty of Theology University of Malta, 68/1: 45-63.

Vella, Prof. Andrew. Lulju 1972. Akkademja f'ġieħ Patri Gerard M. Paris, O.P., D.T.M. (1893-) fil-Kulleġġ S. Albert, Valletta: 15 ta' Ġunju 1872. Malta: Riflessi – "Militia Christi" u "Ir-Rużarju", Vol. 1, Nru 21, pp. 241-242.



91